Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 25985220 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

4 ta' Ġunju 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Wasalna fl-aħħar ta' sena skolastika tassew b'differenza. Minkejja d-diffikultajiet, min ħadem id f'id mal-iskola jaf li għamilna minn kollox biex din is-sena xorta tkun esperjenza sabiħa għat-tfal kollha.

L-iskola tispiċċa nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju. Is-sena d-dieħla, it-tfal jibdew l-aħħar sena tal-esperjenza tagħhom fil-primarja fl-iskola tagħna u rridu nkomplu fuq dak li bnejna din is-sena, bit-tajjeb u l-ħażin kollu. B'mod jew ieħor, f'Settembru ssir laqgħa magħkom u t-tfal. Ninfurmawkom b'aktar dettalji qabel tibda l-iskola.

Sadanittant, qed nibagħtulkom żewġ listi.

L-ewwel lista hija l-lista tas-soltu, tal-affarijiet bażiċi li t-tfal ser ikollhom bżonn fis-Sitt Sena. Din il-lista mhux kompluta u meta nibdew l-iskola f'Settembru, l-għalliema jkomplu jżidu magħha. Iżda din il-lista għandha tgħin biex wieħed jibda jipprepara minn qabel.

- 20 pitazz rigi wisgħin
- 1 project book
- 2 A4 Refill Pads
- Pencil Case (pokit)
- Glue stick, kuluri, imqass bla ponta
- 2 Sketchpads
- Pitazz bla linji
- Kaxxa tissues
- Wet wipes
- Hand Sanitizer
- Pocket Dictionary (English to English)
- Pen Drive

Matul is-sena skolastika l-ġdida, it-tfal ser ikollhom bżonn numru ta' affarijiet, inkluż djarju u numru ta' booklets li jintużaw matul is-sena. Bejn wieħed u ieħor, il-prezz tad-djarju u l-booklets ikun ta' €30.

It-tieni lista hija ferm aktar importanti. Hija lista ta' affarijiet li t-tfal iridu jkunu jafu sew sakemm jibdew is-Sitt Sena. Il-bajtra ma taqa' f'ħalq ħadd. Għad għandna tfal li ta' għaxar snin ma jafux jaqflu l-lazz! Fil-lista hemm ukoll affarijiet essenzjali biex meta t-tfal jibdew is-Sitt Sena, jibdew fuq sieq tajba. Għalxejn insibu l-iskużi – ċertu affarijiet it-tfal iridu jistudjawhom. Jekk hemm bżonn iridu jistudjawhom kuljum sakemm idaħħluhom f'moħħhom. Jistudjawhom billi jgħiduhom, jiktbuhom jekk hemm bżonn anke għal erba', ħames jew għaxar darbiet sakemm jitgħallmuhom. It-tfal iridu jkunu jafu:

- L-indirizz  u numri tat-telefown importanti bl-amment
- Jaqflu l-lazz
- Jiktbu l-kuluri, bil-Malti u bl-Ingliż
- Jiktbu l-ġranet tal-ġimgħa, ix-xhur u l-istaġuni
- Jiktbu n-numri mill-1 sal-99 000, (numri u kliem) bil-Malti u bl-Ingliż
- Jużaw ir-riga sew
- Jużaw il-punteġġjatura kif suppost (ittri kbar, full stop, eċċ).
- Jiktbu storja f'paragrafi, li jinkludu introduzzjoni u konklużjoni
- Jifhmu u jużaw sew verbi fil-Passat, Preżent u Futur bil-Malti u bl-Ingliż

It-tfal mistennija wkoll jaqraw ftit kuljum, bil-Malti u bl-Ingliż.

Fil-bidu tas-sena skolastika, it-tfal ser jiġu assessjati għal dawn il-ħiliet bażiċi.

Matul ix-xhur tas-Sajf, nistiednu lit-tfal kollha biex jieħdu sehem fis-Summer Challenge 2021. Dettalji dwar din l-attività daqt issibuhom fuq is-sit elettroniku tal-iskola.  Is-sit huwa http://smc.zabbarb.skola.edu.mt/. Fuq is-sit elettroniku tal-iskola ssibu wkoll informazzjoni u dettalji utli, inkluż il-kalendarju tal-attivitajiet tal-iskola. Tistgħu wkoll issegwu l-Facebook page tal-iskola.

Fl-aħħar nett nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzjakom tal-fiduċja u l-kooperazzjoni matul ix-xhur li għaddew. Is-sapport tagħkom f'dan iż-żmien kien ifisser ħafna.

Tislijiet



Charlot Cassar
Kap tal-Iskola